REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1654

tas-6 ta' Novembru 2018

li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Fit-3 ta' Ottubru 2017, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit bis-saħħa tar-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (il-"Kumitat tal-KSNU") iddeżinja erba' bastimenti għal projbizzjoni fuq id-dħul fil-port.

(3) Fit-28 ta' Diċembru 2017, il-Kumitat tal-KSNU iddeżinja erba' bastimenti oħrajn għal projbizzjoni fuq id-dħul fil-port.

(4) Fit-30 ta' Marzu 2018, il-Kumitat tal-KSNU iddeżinja 15-il bastiment għall-iffriżar tal-assi u 25 bastiment għal projbizzjoni fuq id-dħul fil-port. Dawk il-bastimenti huma elenkati fl-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509.

(5) Aktar informazzjoni addizzjonali dwar xi wħud minn dawk il-bastimenti ġiet ippubblikata mill-Kumitat tal-KSNU fil-lista ta' bastimenti ddeżinjati.

(6) Għalhekk jenħtieġ li -Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

ANNESS

(1) Fl-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509, l-entrati 1 sa 15 taħt l-intestatura "A. Bastimenti soġġetti għal qbid", huma sostitwiti b'dan li ġej:

	"Isem il-bastiment	Numru tal-OMI	Deżinjat bħala sors ekonomiku ta'	Data tad-deżinjazzjoni min-NU
1.	CHON MYONG 1 It-tanker taż-żejt tar-RDPK il- Bastiment Marittimu (B/M) CHON MYONG 1 wettaq trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, lejn l-aħħar ta' Diċembru 2017.	8712362		30.3.2018
2.	AN SAN 1 It-tanker tar-RDPK il-B/M AN SAN 1 kien involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, lejn l-aħħar ta' Jannar 2018.	7303803		30.3.2018
3.	YU PHYONG 5 Il-bastiment kummerċjali tar-RDPK il-B/M YU PHONG 5 importa prodotti tal-petroleum raffinati lejn Nampo, RDPK, fid-29 ta' Novembru 2017, permezz ta' trasferiment minn vapur għal vapur imwettaq fis-26 ta' Novembru 2017.	8605026		30.3.2018
4.	SAM JONG 1 Il-bastiment kummerċjali tar-RDPK il-B/M SAM JONG 1 kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment minn vapur għal vapur ta' żejt, lejn l-aħħar ta' Jannar 2018.	8405311		30.3.2018
5.	SAM JONG 2 Il-bastiment kummerċjali tar-RDPK il-B/M SAM JONG 2 kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment minn vapur għal vapur ta' żejt, lejn l-aħħar ta' Jannar 2018.	7408873		30.3.2018
6.	SAM MA 2 It-tanker taż-żejt tar-RDPK il-B/M SAM MA 2 importa prodotti tal-petroleum raffinati f'Ottubru, fil-bidu ta' Novembru u f'nofs Novembru 2017 permezz ta' trasferimenti multipli minn vapur għal vapur.	8106496		30.3.2018
7.	YU JONG 2 It-tanker taż-żejt tar-RDPK il-B/M YU JONG 2 kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment minn vapur għal vapur ta' żejt, f'Novembru 2017. Il-B/M YU JONG 2 kien involut ukoll f'operazzjoni ta' trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-B/M MIN NING DE YOU 078 fis-16 ta' Frar 2018.	8604917		30.3.2018
8.	PAEK MA Il-bastiment tar-RDPK il-B/M PAEK MA kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt minn vapur għal vapur, f'nofs Jannar 2018.	9066978		30.3.2018
9.	JI SONG 6 It-tanker tar-RDPK il-B/M JI SONG 6 kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt minn vapur għal vapur, lejn l-aħħar ta' Jannar 2018.	8898740		30.3.2018
10.	CHON MA SAN Il-bastiment tar-RDPK il-B/M CHON MA SAN kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt minn vapur għal vapur f'nofs Novembru 2017.	8660313		30.3.2018

	Isem il-bastiment	Numru tal-OMI	Dežinjat bħala sors ekonomiku ta'	Data tad-dežinjazzjoni min-NU
11.	NAM SAN 8 It-tanker ta' żejt mhux raffinat tar-RDPK il-B/M NAM SAN 8 hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment taż-żejt minn vapur għal vapur.	8122347		30.3.2018
12.	YU SON It-tanker tar-RDPK il-B/M YU SON hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment taż-żejt minn vapur għal vapur.	8691702		30.3.2018
13.	WOORY STAR Il-bastiment tal-merkanzija tar-RDPK il-B/M WOORY STAR hu maħsub li kien involut f'trasferimenti illeċiti ta' oġġetti pprojbiti tar-RDPK.	8408595		30.3.2018
14.	JI SONG 8 Il-bastiment tal-merkanzija tar-RDPK il-B/M JI SONG 8 huwa l-proprjetà ta' Phyongchon Shipping & Marine u huwa maħsub li kien involut f'trasferimenti illeċiti ta' oġġetti pprojbiti tar-RDPK.	8503228	Phyongchon Shipping & Marine	30.3.2018
15.	HAP JANG GANG 6 Informazzjoni oħra: Il-bastiment tal-merkanzija tar-RDPK il-B/M HAP JANG GANG 6 huwa l-proprjetà ta' Hapjanggang Shipping Corp u huwa maħsub li kien involut f'trasferimenti illeċiti ta' oġġetti pprojbiti tar-RDPK.	9066540	Hapjanggang Shipping Corp	30.3.2018"

(2) Fl-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509, l-entrati 1 sa 33 taħt l-intestatura "B. Il-bastimenti pprojbiti milli jidħlu fil-portijiet", huma sostitwiti b'dan li ġej:

	"Isem il-bastiment	Numru tal-OMI	Data tad-dežinjazzjoni min-NU
1.	PETREL 8 Informazzjoni oħra: mhux disponibbli	9562233 (MMSI: 620233000)	3.10.2017
2.	HAO FAN 6 Informazzjoni oħra: mhux disponibbli	8628597 (MMSI: 341985000)	3.10.2017
3.	TONG SAN 2 Informazzjoni oħra: mhux disponibbli	8937675 (MMSI: 445539000)	3.10.2017
4.	JIE SHUN Informazzjoni oħra: mhux disponibbli	8518780 (MMSI: 514569000)	3.10.2017
5.	BILLIONS NO. 18 Informazzjoni oħra: mhux disponibbli	9191773	28.12.2017
6.	UL JI BONG 6 Informazzjoni oħra: mhux disponibbli	9114555	28.12.2017
7.	RUNG RA 2 Informazzjoni oħra: mhux disponibbli	9020534	28.12.2017
8.	RYE SONG GANG 1 Informazzjoni oħra: mhux disponibbli	7389704	28.12.2017

	Isem il-bastiment	Numru tal-OMI	Data tad-deżinjazzjoni min-NU
9.	CHON MYONG 1 Informazzjoni oħra: It-tanker taż-żejt tar-RDPK il-B/M CHON MYONG 1 wettaq trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, lejn l-aħħar ta' Diċembru 2017.	8712362	30.3.2018
10.	AN SAN 1 Informazzjoni oħra: It-tanker tar-RDPK il-B/M AN SAN 1 kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, lejn l-aħħar ta' Jannar 2018.	7303803	30.3.2018
11.	YU PHYONG 5 Informazzjoni oħra: Il-bastiment kummerċjali tar-RDPK il-B/M YU PHONG 5 importa prodotti tal-petroleum raffinati lejn Nampo, RDPK, fid-29 ta' Novembru 2017, permezz ta' trasferiment minn vapur għal vapur imwettaq fis-26 ta' Novembru 2017.	8605026	30.3.2018
12.	SAM JONG 1 Informazzjoni oħra: Il-bastiment kummerċjali tar-RDPK il-B/M SAM JONG 1 kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt minn vapur għal vapur, lejn l-aħħar ta' Jannar 2018.	8405311	30.3.2018
13.	SAM JONG 2 Informazzjoni oħra: Il-bastiment kummerċjali tar-RDPK il-B/M SAM JONG 2 kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt minn vapur għal vapur, lejn l-aħħar ta' Jannar 2018.	7408873	30.3.2018
14.	SAM MA 2 Informazzjoni oħra: It-tanker taż-żejt tar-RDPK il-B/M SAM MA 2 importa prodotti tal-petroleum raffinati f'Ottubru, fil-bidu ta' Novembru u f'nofs Novembru 2017 permezz ta' trasferimenti multipli minn vapur għal vapur.	8106496	30.3.2018
15.	YU JONG 2 Informazzjoni oħra: It-tanker taż-żejt tar-RDPK il-B/M YU JONG 2 kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt minn vapur għal vapur, f'Novembru 2017. Il-B/M YU JONG 2 kien involut ukoll f'operazzjoni ta' trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-B/M MIN NING DE YOU 078 fis-16 ta' Frar 2018.	8604917	30.3.2018
16.	PAEK MA Informazzjoni oħra: Il-bastiment tar-RDPK il-B/M PAEK MA kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt minn vapur għal vapur, f'nofs Jannar 2018.	9066978	30.3.2018
17.	JI SONG 6 Informazzjoni oħra: It-tanker tar-RDPK il-B/M JI SONG 6 kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt minn vapur għal vapur, lejn l-aħħar ta' Jannar 2018.	8898740	30.3.2018
18.	CHON MA SAN Informazzjoni oħra: Il-bastiment tar-RDPK il-B/M CHON MA SAN kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt minn vapur għal vapur f'nofs Novembru 2017.	8660313	30.3.2018

	Isem il-bastiment	Numru tal-OMI	Data tad-deżinjazzjoni min-NU
19.	NAM SAN 8 Informazzjoni oħra: It-tanker ta' żejt mhux raffinat tar-RDPK il-B/M NAM SAN 8 hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment taż-żejt minn vapur għal vapur.	8122347	30.3.2018
20.	YU SON Informazzjoni oħra: It-tanker tar-RDPK il-B/M YU SON hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment taż-żejt minn vapur għal vapur.	8691702	30.3.2018
21.	WOORY STAR Informazzjoni oħra: Il-bastiment tal-merkanzija tar-RDPK il-B/M WOORY STAR hu maħsub li kien involut f'trasferimenti illeċiti ta' oġġetti pprojbiti tar-RDPK.	8408595	30.3.2018
22.	ASIA BRIDGE 1 Informazzjoni oħra: Il-Bastiment Marittimu (B/M) ASIA BRIDGE 1 għabba faħam tar-RDPK f'Nampo, ir-RDPK, fit-22 ta' Ottubru 2017 u ttrasferih għal Cam Pha, il-Vjetnam.	8916580	30.3.2018
23.	XIN GUANG HAI Informazzjoni oħra: Il-bastiment kummerċjali B/M XIN GUANG HAI għabba faħam tar-RDPK f'Taean, ir-RDPK, fis-27 ta' Ottubru 2017 u ttrasferih għall-Port Klang, il-Malasja, fit-18 ta' Diċembru 2017.	9004700	30.3.2018
24.	HUA FU Informazzjoni oħra: Il-B/M HUA FU għabba faħam tar-RDPK f'Najin, RDPK, fl-24 ta' Settembru 2017.	9020003	30.3.2018
25.	YUK TUNG Informazzjoni oħra: Il-B/M YUK TUNG involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-B/M RYE SONG GANG f'Jannar 2018.	9030591	30.3.2018
26.	KOTI Informazzjoni oħra: Il-B/M KOTI involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-B/M KUM UN SAN 3 fid-9 ta' Diċembru 2017.	9417115	30.3.2018
27.	DONG FENG 6 Informazzjoni oħra: Il-B/M DONG FENG 6 għabba faħam tar-RDPK f'Hamhung, ir-RDPK, fil-11 ta' Lulju 2017, għall-esportazzjoni bi ksur tas-sanzjonijiet tan-NU.	9008201	30.3.2018
28.	HAO FAN 2 Informazzjoni oħra: Il-B/M HAO FAN 2 għabba faħam tar-RDPK f'Nampo, ir-RDPK, fil-3 ta' Ġunju 2017, għall-esportazzjoni bi ksur tas-sanzjonijiet tan-NU.	8747604	30.3.2018
29.	HAO FAN 6 Informazzjoni oħra: Il-B/M HAO FAN 6 għabba faħam tar-RDPK f'Nampo, ir-RDPK, fis-27 ta' Awwissu 2017.	8628597	30.3.2018

	Isem il-bastiment	Numru tal-OMI	Data tad-deżinjazzjoni min-NU
30.	JIN HYE Informazzjoni oħra: Il-B/M JIN HYE involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-B/M CHON MA SAN fis-16 ta' Diċembru 2017.	8518572	30.3.2018
31.	FAN KE Informazzjoni oħra: Il-B/M FAN KE għabba faħam tar-RDPK f'Nampo, RDPK, f'Settembru/Ottubru 2017.	8914934	30.3.2018
32.	WAN HENG 11 Informazzjoni oħra: M/V WAN HENG 11 involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, ma' M/V RYE SONG GANG 1 fit-13 ta' Frar 2018. Wan Heng 11, bastiment li qabel kien itajjar il-bandiera ta' Belize, issa qed jopera bħala bastiment li jtajjar il-bandiera tar-RDPK msemmi KUMJINGANG3 jew Kum Jin Gang 3.	8791667	30.3.2018
33.	MIN NING DE YOU 078 Informazzjoni oħra: B/M MIN NING DE YOU involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, ma' B/M YU JONG 2 fis-16 ta' Frar 2018.	Ma jeżistix	30.3.2018"